**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**23 ta' Mejju, 2021**

# JUM LI MA TINSEWHX

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Mejju, fil-parroċċa se niċċelebraw l-Ewwel Tqarbina ta' 28 tifel u tifla. Il-quddiesa għalihom se tibda fl-10:00am. F'dan il-jum il-quddiesa tal-11:00am issir fis-Sala Parrokkjali li tidħlu għaliha minn Triq Xandriku.

F'dan il-messaġġ nixtieq niżżik ħajr b'mod speċjali lilkom ġenituri tat-tfal u lilkom katekisti. Minkejja s-sitwazzjoni tal-pandemija li minħabba fiha għadna bir-restrizzjonijiet saħansitra sal-lum, intom għamiltu minn kollox sabiex it-tfal baqgħu għaddejjin u hekk ħadu xi ħaġa għall-ħajja.

Nitlob lilkom ġenituri biex matul dawn il-jiem li fadal qabel il-Jum għażiż tal-Ewwel Tqarbina, tkellmu mat-tfal u komplu fissrulhom li Dak in-"naqra Ħobż" li se jirċievu, fil-fatt huwa Ġesù kollu kemm hu ħaj, moħbi taħt ix-xbihat tal-Ħobż u l-Inbid.

Issa li erġajna għal sitwazzjoni mingħajr daqstant periklu għas-saħħa, inħeġġeġ lil min f'dawn l-aħħar xhur kellu jibqa' d-dar, sabiex mill-ġdid jieħu sehem mal-komunità u hekk ikun jista' hu wkoll jirċievi l-Ħobż tal-ħajja.



***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

---

**SENA ĊENTINARJA - 30:** Tgħaddi s-Sena Ċentinarja u mhux mingħajr tama ta' ġejjieni aħjar, iżda fuq kollox biex nibqgħu nsibu l-faraġ u l-wens meħtieġ ta' Marija Ommna fi ħdan il-Leġjun tagħha.

---

**ROKNA EKOLOĠIKA: In-Naħla Maltija**

F'Malta għandna naħla endemika li anke fi żmien ir-Rumani kienet magħrufa għall-għasel bnin li tagħmel. Din in-naħla hija sewdenija fil-kulur u kapaċi taħdem u ttir anke fil-kesħa tax-xitwa u fil-qilla tax-xemx fis-sajf. In-naħla Maltija tgħallimna nkunu reżiljenti anke fid-diffikultajiet tal-ħajja.

## AVVIŻI:

**QRAR BI TĦEJJIJA GĦALL-EWWEL TQARBINA:** nhar is-Sibt li ġej 29 ta' Mejju, fil-knisja se jkun hemm saċerdoti jqarru mid-9:00am sal-11:00am għal dawk il-ġenituri li wliedhom se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina. Approfittaw minn dan il-mument ta' grazzja.

**TIFKIRA TAT-TWELID TA' S. PIJU TAL-PJAGI:** nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju fil-knisja tal-Kapuċċini, fejn il-gruppi ta' talb jagħmlu l-offerta ta' boroż ta' studju għall-Kenja. Ikun hemm rużarju fis-6:15pm u wara l-Quddiesa. Trasport privat.

**L-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - SEZZJONI NADUR** ippubblikat it-tieni numru tas-sensiela 'In-Nadurm Drawwiet, Arti u Kultura' li jinsab għall-bejgħ għall-prezz ta' €4.00. Tistgħu tikkuntattjaw lil Toni Sammut fuq in-numru 99247041;
L-istess Għaqda qed torganizza bazaar ta' bejgħ ta' xtieli f'Dar Dun Franġisk Grima, nhar id-29 u t-30 ta' Mejju u l-5, 6 u 7 ta' Ġunju mid-9:30am sal-11:00am.

**IL-MUŻEW MARITTIMU:** li kien magħluq għal dawn l-aħħar xhur issa se jkun miftuħ darbtejn fil-ġimgħa - L-Erbgħa u s-Sibt mill-10:00am sas-1:30pm. Dawk li jixtiequ jżuru l-mużew f'jiem oħra, jistgħu jikkuntattjawna fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**MAŻRI ĠODDA:** nirringrazzjaw lil Carmel Bigeni li ħadem mażri ġodda għall-arloġġ mekkaniku tal-knisja. Il-mażri ta' qabel kienu jikkonsistu f'balal tal-ħadid u biċċiet tal-ġebel, imdendlin b'mod rudimentari.

**QANPIENA:** qegħdin niġbru l-fondi għall-qanpiena żgħira għall-kappella ta' Santa Tereża f'Ta' Kenuna. Dawk li jixtiequ jikkontribwixxu jistgħu jħallu l-offerta tagħhom fl-Uffiċċju Parrokkjali jew iġibu l-offerta fil-quddiesa tas-7:30am li ssir nhar ta' Ħadd fil-kappella stess.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am;
5:00pm; 7:00pm
**SALA PARROKKJALI**: **Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am